MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 546/2011

**Mary Buhagiar magħrufa bħala Mariella Bose Buhagiar**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi hija kienet iżżewġet lil Biren Krishna Bose fi Huston Texas fil-25 ta' April 1984.

2. Illi minn dak iż-żmien hija żammet il-kunjom oriġinali tagħha Buhagiar pero' naturalment żiedet kunjom ir-raġel u għalhekk dejjem ġiet magħrufa bħala Mariella Bose Buhagiar.

3. Illi l-*identity card* kurrenti tagħha illi kienet anteċedenti għal dik preżenti kienet indikata sempliċement bl-isem ta' Mariella Bose Buhagiar.

4. Illi mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni hija magħrufa wkoll bl-istess isem.

5. Illi ħarġet il-karta anzjan u l-isem tagħha jidher bħala Mariella Bose Buhagiar.

6. Illi fir-Reġistru Elettorali hija wkoll tidher bħala Mariella Bose Buhagiar.

7. Illi barra l-kwistjoni tal-kunjom hija wkoll dejjem ġabet l-isem Mariella flok Mary.

8. Illi hija tixtieq illi żżomm l-identita' illi biha dejjem kienet magħrufa u ċjoe' Mariella Bose Buhagiar u għalhekk hemm bżonn korrezzjoni kemm fl-att tat-twelid tagħha billi isimha flok Mary ikun imniżżel bħala Mariella u dan skont iċ-ċertifikat tat-twelid illi jġib in-numru 5151tal-1951, kif ukoll iċ-ċertifikat taż-żwieġ reġistrat fir-Reġistru Pubbliku fit-8 ta' Jannar, 2002 u illi għandu numru 30, u dana billi jiżdied il-kunjom Bose qabel il-kunjom Buhagiar.

**Kawżali**

1. Peress illi jirriżulta li fiċ-ċertifikat tat-twelid numru 5151 tas-sena 1951 l-isem tal-attriċi huwa Mary meta fil-fatt hija dejjem kienet magħrufa bl-isem ta' Mariella u dan saħansitra mill-Gvern f'diversi dokumenti u għal snin twal.

2. Peress illi qed tinħoloq diffikulta dwar ir-reġistrazzjoni tal-att taż-żwieġ peress illi għalkemm hija dejjem riedet illi żżomm il-kunjom ta' xbubita Buhagiar pero' meta kienet iżżewġet riedet ukoll li tinkludi l-isem tar-raġel, liema kunjom għandha dritt illi żżommu u dan bħala Bose u li għandu x'jaqsam maċ-ċertifikat taż-żwieġ reġistrat Serie C 30 tat-8 ta' Jannar 2002 meta ż-żwieġ kien sar fil-25 ta' April, 1984 f'Texas.

**Talbiet**

Jgħid il-konvenut għala din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-attriċi biex minflok l-isem Mary jitniżżel l-isem Mariella; u

2. Illi fiċ-ċertifikat taż-żwieġ bin-numru 30 reġistrat fit-8 ta' Jannar 2002 qabel il-kunjom buhagiar jiżdied il-kunjom Bose, il-kunjom taż-żwieġ.

Il-konvenut inġunt għas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fil-5 ta' Ottubru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-intergrità tal-ġudizzju li r-rikorrenti titlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens li hija għandha tidher bħala *'Mary Buhagiar'* u mhux *'Mariella Bose Buhagiar' stante* li l-isem u l-kunjom *'Mariella Bose Buhagiar'* ma jappartjenix lilha skond kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid u l-Att taż-Żwieġ tagħha bin-numru ta' iskrizzjoni 5151 tas-sena 1951 u 30 tas-sena 2002 rispettivament;

3. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-ewwel talba l-esponent umilment jirrileva li, kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta'

Malta, magħdud mad-dokumenti esibiti flimkien mar-rikors ġuramentat, ir-rikorrenti Mary *sive* Mariella trid tressaq <u>xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits</u> ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tagħha ossia li tul ħajjitha hija kienet konsistentement msejħa bħala Mariella u mhux Mary;

5. Illi mingħajr preġudizzju għal dak sueċċepit, l-esponenti jirrileva li t-tieni talba rigwardanti l-bidla ta' kunjom ir-rikorrenti ma tistax tintlaqa' u dan għal-żewġ raġunijiet:

a. Illi l-iskrizzjoni numru 30/2002 m'huwiex l-Att taż-Żwieġ innifsu iżda r-reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ bejn ir-rikorrenti u Biren Krishna li ġie magħmul fi Huston Texas fil-25 ta' April 2011 (Dok DRP 1). Dan l-Att taż-Żwieġ ġie hekk reġistrat f'dawn il-gżejjer *ai termini* tal-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Illi fl-att taż-żwieġ *de quo* hemm imniżżel biss kunjom xbubit ir-rikorrenti. Ma hemm l-ebda intestatura jew spazju fejn jindka x'kunjom kellha tuża r-rikorrenti fi żwieġ;

6. Illi għal kull *buon* fini, l-esponenti jissuġġerixxi li *se mai* għandha tintalab annotazzjoni fuq ir-reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ numru 30/2002 fis-sens li fejn hemm indikat *"the wife declared that she retained her maiden surname after marriage"* jiġi miżjud il-kliem ***"before which there shall be added the husband's surname"***. Dan però jista' jsir biss jekk ir-rikorrenti tipprova b'mod ċar u konkret li din iż-żieda hija permessa mil-liġi viġenti f'Texas u dan peress li ż-żwieġ sar fi u skond il-liġijiet ta' dak il-post;

7. Illi jekk tali talba tintlaqa', kunjom ir-rikorrenti għandu jibda jkun indikat bħala "Bose Buhagiar Holden" u mhux "Bose Buhagiar" u dan *stante* li kif muri fl-Att taż-Żwieġ stess, kunjom xbubit ir-Rikorrenti huwa Buhagiar Holden u mhux Buhagiar.

8. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li

ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u fid-dokumenti hemm mehmuża, għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

9. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digrieti li permezz tiegħu ġew awtorizżati l-korrezzjonijiet mitluba;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2011 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artiklu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata billi l-attriċi dejjem kienet magħrufa bħala **Mariella Bose Buhagiar** u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Huwa ċert pero' illi l-konvenut ma jaħtix għal dan l-istat ta' fatt u ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif korretti.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi. Fuq talba tal-attriċi mhux kontestata, it-terminu tal-appell qed jiġi akkorċjat għal ġurnata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------